



Brussell, 18 ta' Novembru 2025
(OR. en)

14855/25

LIMITE

CORLX 1023
CFSP/PESC 1564
COMET 79
COTER 181

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693
dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh)
u Al-Qaida, u persuni, gruppi, impriżi
u entitajiet assoċjati magħhom**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-20 ta' Settembru 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/16931.
- (2) Fid-dawl tat-theddida kontinwa mill-ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u minn persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom, jenħtieġ li tizzied entità waħda mal-lista ta' persuni, gruppi, impriżi u entitajiet stabbilita fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693.
- (3) Meta jitqies li l-entità li għandha tizzied hija diġà soġġetta għal miżuri stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK2, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi rilevanti skont id-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 jiġu sospiżi għal dik l-entità sakemm il-miżuri previsti fid-Deċiżjoni 2010/788/PESK japplikaw għaliha.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1693 tal-20 ta' Settembru 2016 dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2002/402/PESK (ĠU L 255, 21.9.2016, p. 25 ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2016/1693/oj>).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK tal-20 ta' Diċembru 2010 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU L 336, 21.12.2010, p. 30, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2010/788/oj>).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 6, jiżdied il-paragrafu li ġej: .

"7. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 3(3) u (4), sa fejn japplikaw għall-entità "Allied Democratic Forces", għandhom jiġu sospiżi sakemm il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 5(1) u (2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK* japplikaw għal dik l-entità."

* Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK tal-20 ta' Diċembru 2010 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU L 336, 21.12.2010, p. 30, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2010/788/oj>).”;


(2) l-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi..., ...

Għall-Kunsill
Il-President



ANNEX

Fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693, l-entrata li ġejja tiżdied taħt l-intestatura "B. Gruppi, impriżi u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 3":

"8. Allied Democratic Forces..".

